**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Jason John Neagoe**

**Kumpilazzjoni Numru: 88/16**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jason John Neagoe detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 367505L akkuzat talli f'Gunju 2013 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

1) Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (5,000.00) li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, u dan ghad-dannu tal-kumpanija Sullivan & Sullivan Ltd u/jew id-diretturi taghha u Christianne Spiteri ID131987M.
2) Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar hamest elef euro (5,000.00) u dan ghad-dannu tal-kumpanija Sullivan & Sullivan Ltd u/jew id-diretturi taghha u Christianne Spiteri ID 131987M.
3) U aktar talli ikkommetta serq ghad-dannu ta' Sullivan & Sullivan Limited u/jew id-diretturi tal-istess kumpanija u

Christianne Spiteri ID 131987M, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' 18, 293, 294, 308, 309, 310(a), 267, 268(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li fis-Seduta tal-lum l-imputat Jason John Neagoe ddikjara li huwa hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u

wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni u stante li l-imputat hallas kollox a saldu u l-fedina penali hija wahda netta, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u stante li t-tielet (3) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**